**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Diċembru 2008 — Vitro Corporativo vs UASI — VKR Holding (Vitro)**

**(Kawża T-295/07)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Vitro — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti VITRAL — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2009/C 32/59)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Vitro Corporativo, SA de CV (Garza García, Nuevo Léon, il-Messiku) (rappreżentant: J. Botella Reyna, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Laporta Insa, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza:* VKR Holding A/S (Søborg, id-Danimarka)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-31 ta' Mejju 2007 (Każ R 1640/2006-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn VKR Holding A/S u Vitro Corporativo, SA de CV.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Vitro Corporativo, SA de CV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 235, 6.10.2007.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Diċembru 2008 — Mergel *et* vs UASI (Patentconsult)**

**(Kawża T-335/07)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Patentconsult — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2009/C 32/60)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Volker Mergel (Wiesbaden, il-Ġermanja); Klaus Kampfenkel (Hofheim, il-Ġermanja); Burkart Bill (Darmstadt, il-Ġermanja); u Andreas Herden (Wiesbaden) (rappreżentant: G. Friderichs, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: S. Schäffner u G. Schneider, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-25 ta' Ġunju 2007 (Każ R 299/2007-4) dwar ir-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Patentconsult bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Volker Mergel, Klaus Kampfenkel, Burkart Bill u Andreas Herden huma kkundannati għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 269, 10.11.2007.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Diċembru 2008 — Somm Srl vs UASI (Struttura li tagħti d-dell)**

**(Kawża T-351/07)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Struttura li tagħti d-dell — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Nuqqas ta' karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2009/C 32/61)

*Lingwa tal-kawża:It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Somm Srl (San Mauro Torinese, l-Italja) (rappreżentant: M. Ferro, avukat)